

31999L0047

5.7.1999

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 169/1

## ID-DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI 1999/47/KE

tal-21 ta' Meju 1999

li tadatta għat-tieni darba għall-progress tekniku d-Direttiva tal-Kunsill 94/55/KE dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri fir-rigward tat-trasport tal-merkanzija perikoluża bit-triq

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabilixxi l-Komunità Ewropea,

Artikolu 1

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 94/55/KE tal-21 ta' Novembru 1994 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri fir-rigward tat-trasport tal-merkanzija perikoluża fit-triq <sup>(1)</sup> kif l-aħħar emendata mid-Direttiva tal-Kummissjoni 96/86/KE <sup>(2)</sup>, u b'mod partikulari l-Artikolu 8 tagħha.

L-Annessi għad-Direttiva 94/55/KE modifikata kif ġej:

- (1) Billi l-Annessi tad-Direttiva 94/55/KE jikkontjenu l-ADR kif applikabbli mill-1 ta' Jannar 1997, li għiet ippubblikata fil-lingwi kollha <sup>(3)</sup>;
- (2) Billi l-ADR tiġi aġġornata kull sentejn u għaldaqstant verżjoni emendata hija fis-seħħ mill-1 ta' Jannar 1999 għal perjodu transitorju sat-30 ta' Ġunju 1999.
- (3) Billi skond l-Artikolu 8, il-modifiki neċessarji kollha għall-adattament tal-progress tekniku u xjentifiku tal-kamp kopert mid-Direttiva u li jallinejaw mar-regoli għodda għandhom jiġu adottati skond il-proċedura indikata fl-Artikolu 9;
- (4) Billi huwa neċessarju illi s-settur jiġi adattat għar-regoli ta' l-ADR l-għodda u għaldaqstant jiġu emendati l-Annessi għad-Direttiva 94/55/KE;
- (5) Billi il-miżuri previsti f'din id-Direttiva huma konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat previst bl-Artikolu 9 tad-Direttiva 94/55/KE;
- (6) Billi l-Annessi A u B tal-Ftehim Ewropew li jikkonċerna t-trasport internazzjonali tal-merkanzija perikoluża fit-triq, aktar magħruf bħala ADR kif emendat, għandhom jiġu annessi mad-Direttiva 94/55/KE bħala l-Annessi A u B u jkunu applikabbli mhux biss għat-trasport minn pajjiż għall-ieħor, iżda wkoll għat-trasport fl-Istati Membri individwali;

1. Fl-Anness A it-test li ġej <sup>(4)</sup> jiġi mħassar:

"L-Anness A jinkludi id-dispożizzjonijiet dwar il-Marġinali 2 000 sa 3 999 ta' l-Anness A tal-verżjoni tal-Ftehim Ewropew dwar it-trasport internazzjonali tal-merkanzija perikoluża fit-triq ADR), kif fis-seħħ sa mill-1 ta' Jannar 1997, 'Parti Kontraenti' tiġi sostitwita bi 'Stat Membru'.

N.B. It-test ta' l-1997 li jemenda it-test kodifikat ta' l-1995 ta' l-Anness A ta' l-ADR għandu jiġi ppubblikat fil-lingwi kollha uffiċjali tal-Komunità meta il-verżjoni lingwistika f'kull lingwa tkun disponibbli."

L-Anness A huwa modifikat skond l-Anness A ta' din id-Direttiva.

2. Fl-Anness B: It-test li ġej <sup>(4)</sup> jitħassar:

"L-Anness B jinkludi id-dispożizzjonijiet tal-Marġinali 10 000 sa 270 000 ta' l-Anness B tal-Ftehim Ewropew dwar it-trasport internazzjonali tal-merkanzija perikoluża fit-triq ADR) kif fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 1997, 'Parti Kontraenti' tiġi sostitwita bi 'Stat Membru'.

N.B. It-test ta' l-1997 li jemenda it-test kodifikat ta' l-1995 ta' l-Anness A ta' l-ADR għandu jiġi ppubblikat fil-lingwi kollha uffiċjali tal-Komunità meta il-verżjoni lingwistika f'kull lingwa tkun disponibbli."

L-Anness B huwa modifikat skond l-Anness B ta' din id-Direttiva.

<sup>(1)</sup> ĠU L 319, tat-12.12.1994, p. 7.

<sup>(2)</sup> ĠU L 335, ta' l-24.12.1996, p. 43.

<sup>(3)</sup> ĠU L 275, tat-28.10.1996, p. 1, ĠU L 251, tas-17.9.1997, p. 1.

<sup>(4)</sup> Test li jidher fl-Artikolu 1 tad-Direttiva tal-Kunsill 96/86/KE.

*Artikolu 2*

1. L-Istati Membri għandhom iġibu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa sabiex jikkonformaw rwieħhom ma din id-Direttiva qabel l-1 ta' Lulju 1999. Huma għandhom jinfurmaw immedjatament lill-Kummissjoni b'dan.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawn il-miżuri huma għandhom jagħmlu referenza għal din id-Direttiva jew jagħmlu referenza għaliha meta tiġi uffiċjalment pubblikata. Il-modalitajiet ta' din ir-referenza jiġu stabbiliti mill-Istati Membri.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-testi tad-dispożizzjonijiet fil-liġi nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam irregolat minn din id-Direttiva.

*Artikolu 3*

Din id-Direttiva tidħol fis-seħħ fil-ġurnata ta' wara l-publikazzjoni fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

*Artikolu 4*

Din id-Direttiva hija ndirizzata lill-Istati Membri,

Magħmula fi Brussel, fil-21 ta' Mejju 1999.

*Għall-Kummissjoni*

Neil KINNOCK

*Membri tal-Kummissjoni*

## L-ANNEX A

Id-Direttiva tal-Kunsill (KE) Nru 2003/28, ĠU L 90, tat-8.4.2003, p. 45.

---

*L-ANNEX B*

Id-Direttiva tal-Kunsill (KE) Nru 2003/28, ĠU L 90, tat-8.4.2003, p. 45.

---